

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/561

tat-30 ta' Marzu 2021

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (EUNAVFOR MED IRINI/1/2021)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 ⁽¹⁾, li stabbiliet u varat operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI), taħt il-kmand tal-Viċi Ammirall Fabio AGOSTINI bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.
- (2) Taħt l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI).
- (3) Fit-30 ta' April 2020, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE irrakkomanda li l-Viċi Ammirall Ettore SOCCI jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-ewwel nofs tal-mandat li fadal tal-operazzjoni u l-Komodor Theodoros MIKROPOULOS għat-tieni nofs.
- (4) Fit-28 ta' Mejju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/718 ⁽²⁾, biex ħatar lill-Viċi Ammirall Ettore SOCCI bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mis-6 ta' Mejju 2020 sat-18 ta' Ottubru 2020 u lill-Komodor Theodoros MIKROPOULOS mid-19 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Marzu 2021.
- (5) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE irrakkomanda l-ħatra tal-Kaptan Stefano FRUMENTO bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE mill-1 ta' April 2021. L-awtoritajiet Taljani indikaw li l-Kaptan Stefano FRUMENTO ser jiġi promoss għal Viċi Ammirall mal-ħatra tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (6) Fit-12 ta' Marzu 2021, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa din ir-rakkomandazzjoni.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/718 tas-28 ta' Mejju 2020 li taħtar il-Kmandant tal-Forza tal-UE tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (ĠU L 168, 29.5.2020, p. 64).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall Stefano FRUMENTO huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) mill-1 ta' April 2021.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' April 2021.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2021.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

S. FROM-EMMESBERGER
